



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.11.2014  
COM(2014) 690 final

2014/0324 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ rigward l-adeżjoni ta' Membri ġodda**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda tal-2005 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") li jistabilixxi l-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) jistipula fl-Artikolu 40 tiegħu li kull Stat jista' jaderixxi mal-Ftehim skont kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill tal-Membri tal-istess organizzazzjoni.

Il-Ftehim jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014, u d-deċizzjoni dwar l-estensjoni tiegħu mistennija ssir qabel dik id-data. Fid-dawl ta' dan, id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2014/664/UE tawtorizza lill-Kummissjoni tirrikjedi u tivvota f'isem l-Unjoni Ewropea favur estensjoni ta' sena tal-Ftehim attwali. Il-Membri tal-IOC ilhom għaddejjin jinnegozjaw ir-reviżjoni ta' dan il-Ftehim sa mill-2013. F'dan il-kuntest, fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinneogzja f'isem l-Unjoni Ewropea ftehim ġdid u sostanzjalment irriedut li jqis l-iżviluppi ekonomiċi, tekniċi u kummerċjali li saru fis-settur taż-żebbuġ.

Bi qbil mal-mandat ta' negozjar tal-Kunsill, l-Unjoni ressqet proposta għar-reviżjoni tal-Ftehim lill-IOC. Din il-proposta tkopri wkoll dispożizzjonijiet rigward it-twessigħ tal-organizzazzjoni sabiex tilqa' membri ġodda, kemm pajjiżi li jespportaw kif ukoll pajjiżi li jimportaw, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar ir-reviżjoni tal-ishma ta' parteċipazzjoni (l-Artikolu 8 tal-Ftehim attwali).

Il-Kunsill tal-Membri tal-IOC jiddeċiedi dwar l-adeżjoni possibbli ta' membri ġodda mal-Ftehim, abbażi tal-Artikolu 40 ("Adeżjoni") u l-Artikolu 8 ("Ishma ta' parteċipazzjoni") tal-Ftehim. In-negozjati li għaddejjin se jiddefinixxu mill-ġdid dawk l-Artikoli, kif ukoll il-qafas tal-IOC tal-futur, b'miri u governanza ġodda. Skont dawn il-kundizzjonijiet, jeħtieġ li l-ftehim il-ġdid jidħol fis-seħħ qabel ma l-IOC jkun jista' jieħu deċizzjonijiet rigward l-adeżjoni ta' membri ġodda fl-organizzazzjoni.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ rigward l-adeżjoni ta' Membri ġodda**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/664/UE<sup>1</sup> awtorizzat lill-Kummissjoni tirrikjedi u tivvota favur estensjoni ta' sena tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda<sup>2</sup> tal-2005 li bħalissa jinsab fis-seħħ, billi dan il-Ftehim se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2014.
- (2) Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati f'isem l-Unjoni rigward il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali ġdid dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda. Dawk in-negozjati mistennija jiddefinixxu mill-ġdid il-miri, il-funzjonament u l-istruttura tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ tal-futur, inklużi regoli li jolqtu d-drittijiet u l-obbligi tal-Membri.
- (3) F'dan il-kuntest, ma jkunx xieraq li l-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ attwali jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet ġodda għall-adeżjoni f'dik l-organizzazzjoni. Jeħtieġ li din il-kwistjoni tiġi analizzata u diskussa fil-qafas stabbilit minn ftehim internazzjonali ġdid dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, għandha tkun li tirrikjedi l-posponiment tal-votazzjoni dwar kull talba għal adeżjonijiet ġodda, sakemm jidħol fis-seħħ ftehim internazzjonali ġdid dwar iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda.

Jekk dik ir-rikjesta ma tintlaqax, u jekk il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ jintalab jieħu deċiżjoni dwar l-adeżjoni ta' membri ġodda, il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha tkun astensjoni mill-vot.

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/664/UE tal-15 ta' Settembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ dwar l-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda tal-2005 (ĠU L 275, 17.9.2014, p. 6).

<sup>2</sup> ĠU L 302, 19.11.2005, p. 47.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*